MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Numru. 1286/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Alfred Camilleri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alfred Camilleri ta’ 35 sena, bin Carmelo u Imelda nee’ Mac Kay imwieled Pieta’ fl-10 ta’ Dicembru 1975 u residenti 15, Triq Birkirkara San Giljan u detentur tal-karta tal-identita’ numru 81876(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'Marzu 2008 u fix-xhur precedenti, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-detriment ta' Stephen Vella detentur tal-karta tal-identita' numru 502876(M), ai terminu ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi halef falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, ai termini ta' l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 1 ta' Dicembru 2010 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-12 ta' Mejju 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-12 ta' Mejju 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt illi ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat li kkoperat fil-kors tal-investigazzjoni u kkunsidrat ukoll li diga’ ihallas parti mill-ammont lura lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310 u 108 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum u bil-kundizzjoni li sa zmien ghaxar(10) xhur millum ihallas lil Stephen Vella is-somma elf ewro (€1000).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------